

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 4 - Kumpens

## 4 - Kumpens

### X'inhom l-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (eż. kawża l-qorti, talba ċivili, proċedura ta' adeżjoni)

Il-vittmi ta' reat jistgħu jitolbu d-danni mingħand it-trasgressur bil-modi li ġejjin:

1. jistgħu jiftħu kawża kontra t-trasgressur quddiem qorti ċivili; il-proċedimenti ċivili huma kontinġenti għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti; il-proċedimenti ċivili jistgħu jinfetħu indipendentement minn jekk tressqitx akkuża quddiem il-qorti iżda jistgħu jiġu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni finali fil-proċedimenti kriminali; jekk il-kawża ppreżentata mill-vittma tirnexxi, l-eżekuzzjoni ssir mill-awtorità tal-eżekuzzjoni, jiġifieri l-marixxall tal-qorti (*komornik*);
2. matul il-proċedimenti kriminali, il-vittmi jistgħu jitolbu li tiġi imposta miżura ta' kumpens (*środek kompensacyjny*) fuq il-konvenut - obbligu biex isir tajjeb għad-danni jew jiġi pprovdut kumpens; minflok, il-qorti tista' tordna l-ħlas tad-danni supplimentari (*nawiązka*); it-talba tal-vittma tintlaqa' biss jekk it-trasgressur jiġi kkundannat;
3. jekk it-trasgressur jiġi kkundannat u jirċievi sentenza ta' ħabs sospiża, il-qorti tista' tordnalha jagħmel tajjeb għad-dannu li jirriżulta mir-reat;
4. jekk il-proċedimenti jiġu sospiżi b'mod kondizzjonat, il-qorti trid tordna lit-trasgressur jagħmel tajjeb għad-dannu kompletament jew parzjalment.

### Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni d-danni/kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?

1. Jekk il-qorti tordna lit-trasgressur biex jagħmel tajjeb għad-danni u t-trasgressur ma jikkonformax minn jeddu, il-vittma tista' tirrikorri għal proċedimenti ta' eżekuzzjoni mmexxija minn marixxall tal-qorti.
2. Jekk it-trasgressur jingħata sentenza sospiża ta' ħabs mill-qorti jew inkella l-proċedimenti kontrih jiġu sospiżi b'mod kondizzjonat u dan jonqos milli jagħmel tajjeb għad-danni, jistgħu jittieħdu miżuri biex tiġi eżegwita s-sentenza jew jissoktaw il-proċedimenti. Dawn il-miżuri, speċjalment it-theddida reali ta' priġunerija, għandhom it-tendenza li jiggvalvanizzaw lit-trasgressuri li, anki jekk l-eżekuzzjoni tkun ineffikaċi, b'xi mod isibu l-fondi biex jissodisfaw it-talbiet tal-vittmi. Biex jittieħdu miżuri bħal dawn, ikun biżżejjed li l-vittma tinnotifika lill-qorti jew lill-uffiċjal tal-probation (*kurator sądowy*) li t-trasgressur naqas milli jissodisfa l-obbligu tiegħu/tagħha.

### Jekk it-trasgressur ma jħallasx, jista' l-Istat iħallasni avvanz? Taht liema kundizzjonijiet?

Jekk it-trasgressur jonqos milli jagħmel tajjeb għad-dannu, il-vittma ma tistax tikseb il-ħlas mingħand l-Istat.

Il-vittma tista' tibbenefika minn assistenza ta' emerġenza ffinanzjata mill-Fond ta' Appoġġ għall-Vittmi u ta' Għajjnuna Postpenitenzjarja offruta minn organizzazzjonijiet li jispeċjalizzaw fl-għajjnuna għall-vittmi ta' reati.

### Jien intitolat(a) għal kumpens mill-Istat?

Il-vittmi tal-aktar reati serji jew l-aktar qarib qrib tagħhom huma intitolati għal beneficiċċi speċjali mħallsa mit-Teżor. Dan japplika għal individwi domiċiljati fil-Polonja jew fi Stat Membru ieħor tal-UE li, minħabba reat, ġarrbu korrimment serju jew deterjorament tas-saħħa li jidm aktar minn sebat ijiem u għall-qarib ta' individwi li jmutu

minħabba reat.

## Jien inkun intitolat(a) għal kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?

Int tkun intitolat(a) għal kumpens ukoll jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat.

## Jien inkun intitolat(a) għal ħlas ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi għall-kumpens?

Il-vittmi intitolati għal kumpens jistgħu jiksbu garanzija, jiġifieri ħlas ta' darba li jsir qabel ma tintemm il-kawża. L-ammont jista' jintuża f'parti minnu biex ikopri l-ispejjeż tat-trattament, tal-konvalexxenza jew tal-funeral.

■ L-aħħar aġġornament: 14/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.